FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Chantelle Casha)

vs

Robert Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 229581(m), akkuzat talli fit-30 ta' April 2016 minn gewwa l-hanut "WJA Distributors" li jinsab gewwa Triq id-Dejma, Tarxien:

1. ikkommetta serq ta' ghodda (orbit sander) liema ammont eccedi 1-€232.94 izda ma jeccedix 1-€2329.37 ghad-detrirnent ta' WJA Distributors, liema serq huwa kwalifikat bil-valur;
2. ghad li kien ikkundannat reat ta' serq kien fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacjenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandu u cioe' martel tal-hgieg jew ghodod ohra;

ll-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk jkun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9; hija mitluba wkoll biex titratta mal-imputat bhala recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif provdut fl-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda:

Rat l-atti u d-dokumenti:

Ikkonsidrat :

Xehed certu Russel Attard proprjetarju tal-hanut in kwistjoni. Stqarr li kien fl-ufficju u kien niezel fl-ambjenti tal-hanut meta ra lill-imputat jiehu bicca ghodda konsistenti f 'sander' u dahhalha taht il-flokk. Esebixxa fotogrammi ta' ritratti in sostenn ta' dak li xehed.

L-imputat ghazel li ma jixhidtx izda fit-trattazzjoni orali insista li l-akkuza tinkwadra f'attentat ta' serq u mhux is-serq propju. Il-Qorti ma taqbilx billi l-oggett gie mehud, igifieri, trasportat minn postu u di piu' impoggi taht il-glekk.

Rigward it-tieni akkuza din tirrizulta wkoll fuq ix-xhieda tal-Ps1257 Conrad Ellul.

Tirrizulta ir-recidiva:

Ghaldaqstant, issibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279, 287, 49, 50 u 17 tal-Kap 9. Stante li l-imputat ghandu diversi serq, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha timponi perjodu ta' inkarcerazzjoni konsistenti. Tikkundannah sentejn prigunerija.

A.M.Trigona

Magistrat.